MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 19/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Lewis Vella ta' 35 sena iben John u Bernardette nee' Zammit, imwieled l-Australja nhar it-08 ta' Gunju 1977, u residenti LAV, Triq l-Imgarr, Xewkija u 121, Triq Gnien Xibla, Xaghra, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 236295(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Lewis Vella li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' Jannar 2008, gewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, ghal habta tal-hdax u ghaxra ta' fil-ghaxija (23:10hrs) :

a. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Joseph Sultana, liema hsara tiskorri l-valur ta' hamsin lira maltin (Lm50) imma mhux il-hames mitt lira maltin (Lm500).
b. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Josette Sultana tibza li ser tintuza vjolenza kontieha jew kontra l-proprjeta taghha.
c. Talli volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-07 ta' April 2004 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'mod ewlieni bir-reat tal-hsara volontarja a tenur tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta allegatament ikkaguna hsara fuq bieb ta' barra tal-appartament fejn kienu jirrisjedu l-parti leza, il-konjugi Sultana. Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi kien hemm disgwid bejn l-imputat u l-parti leza. L-imputat huwa imparentat ma' Joseph Sultana peress illi jigi r-ragel ta' ohtu. Dana d-disakkordju bejniethom jidher illi kien ilu ghaddej ghal xi zmien fejn jidher illi Sultana kienu ghamlu diversi rapporti kontra l-imputat minhabba xi xoghol ta' mekkanik li kien jaghmel fil-garaxx sottostanti ghall-appartament taghhom allegatament minghajr permess, kif ukoll rapporti ohra minhabba xi surges fil-provvista tal-elettriku li huma kienu jattribwixxu lill-imputat li allegatament kien qed jaghmel uzu minn xi apparat tal-welding u ghalhekk kien ighabbi s-sistema tad-dawl b'pis ikbar.

Illi fil-jum jew ahjar fil-lejl illi fih sehh l-incident mertu tal-kawza jidher illi l-imputat sab xi likwidu fuq is-saqaf tal-vettura tieghu li huwa beda jahseb li kien xi zejt tat-tisjir. Huwa gieh suspett fil-konjugi Sultana u haseb illi dawn kienu tefghu dana l-likwidu ghal fuq il-vettura tieghu mill-gallarija tar-residenza taghhom, ghalhekk huwa deherlu li kellu jitla' ghas-sodisfazzjon. Dana huwa ammess mill-imputat stess fix-xhieda tieghu. Illi minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar dak li sehh u dana peress illi filwaqt li l-konjugi Sultana jallegaw illi l-imputat beda jsabbat b'kemm jiflah fuq il-bieb b'mazza li kellu f'idejh, tant illi spicca kisser il-bieb, l-imputat dan jinnegah u jghid illi m'huwiex minnu illi kellu xi mazza f'idejh u jghid illi beda jsabbat biss mal-bieb b'sahhtu. Jikkontendi illi l-bieb kien diga mghotti bil-plastik u kellu pannewwa wahda nieqsa u m'huwiex minnu ghalhekk illi dik il-panewwa nkisret fl-incident, kif jalleggaw Sultana.

Illi l-Qorti fliet il-process u l-provi migjuba quddiemha u rrizulta s-segwenti:

1. Illi ma hemmx dubbju illi f'dik il-lejla l-imputat kien jinsab fuq il-post. Dana ma jinnegahx, izda jikkontendi illi dakinhar mieghu kien hemm huh ukoll, li madanakollu qatt ma jitressaq bhala xhud.
2. Illi l-imputat sab xi likwidu fuq is-saqaf tal-vettura tieghu. Dana huwa kkonfermat ukoll mill-pulizija li nvestigaw dana l-kaz li jikkonfermaw illi s-saqaf tal-vettura tal-imputat kien fiha xi likwidu ghalkemm huma ma kinux f'posizzjoni jindikaw dana l-likwidu x'kien.
3. Illi meta nduna b'dana l-fatt l-imputat irrabja u beda jwahhal fil-konjugi Sultana illi kienu tefghulu xi zejt tal-ikel fuq il-vettura tieghu.
4. Illi l-imputat deherlu li kellu jitla' fl-appartament ta' Sultana sabiex jikkonfrontahom fuq dana l-fatt u ghalhekk mhux ikkontestat illi kien l-imputat li habbat il-bieb tar-residenza tal-konjugi Sultana f'dik il-lejla u mhux xi persuna ohra.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tistqarr illi ma tistax temmen lill-imputat ghalhekk meta huwa jghid illi kull ma ghamel kien illi habbat mal-bieb in kwistjoni. Jidher illi

huwa kien irrabjat mhux ftit ghal Sultana minhabba l-fatt illi dawn kienu ilhom jippersegwietawh mhux ftit b'diversi rapport li kienu qed jaghmlu fil-konfront tieghu in konnessjoni max-xoghol illi kien qed jesegwixxi fil-garaxx sottostanti. Kif induna biz-zejt fuq il-vettura tieghu ghalhekk huwa rrabbja u tela' immedjatament ghas-sodisfazzjon. Illi l-konjugi Sultana jikkontendu illi l-imputat beda ighajjat u kissrilhom il-bieb b'mazza. Huma fil-fatt igharfuh wara l-bieb ta' barra meta tinkiser il-panewwa u jghidu li jarawh hemmhekk. Kif Joseph Sultana qallu li kien ser icempel il-pulizija, l-imputat telaq immedjatament. Illi l-pulizija accedew fuq il-post ftit tal-hin wara fejn ikkonstataw illi l-bieb kien verament imkisser. Jikkonfermaw illi dak il-hin l-imputat kien ghadu hemmhekk ghax nizzlu jkellmuh wara li kienu acceda fl-appartament ta' Sultana u anke kkonstataw dak li allega maghhom l-imputat u cioe' li kellu xi likwidu fuq is-saqaf tal-vettura tieghu. Illi l-imputat jallega illi bieb tal-appartament kien kollu mghotti bil-plastik u ghalhekk huwa ma jistax ighid jekk dana kellu xi hsara fih jew jekk il-panewwa kinitx diga mkissra, izda l-Qorti issibha kemmxejn stramba illi l-imputat habbat mal-bieb, u jghid li habbat bis-sahha u ma ndunax ghalkemm kien hemm il-plastic illi l-bieb ma kienx miksur. Dana jkun certament vizibbli bil-pannewwi b'kollox. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi x-xhieda moghtija mill-parti leza hija iktar kredibbli u ghalhekk ma ghandiex dubbju illi kien l-imputat illi kkaguna l-hsara fuq il-bieb tal-appartment in kwistjoni meta tela' irrabjat ghall-parti leza minhabba z-zejt illi huwa jghid li kienu tefghulu fuq is-saqaf tal-vettura tieghu.

Illi dwar il-*quantum* tal-hsara ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u kwindi dina l-Qorti ser tistrieh fuq l-istima esebita a fol.28 kif ikkonfermata bil-gurament minn Victor Said.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-*harassement* kontra Josette Sultana. Illi r-reat tal-*harassement* kif ikkontemplat fl-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 gie ntrodott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena

2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-*harassement* taht dina d-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate**

**activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct… It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**
Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi maghmula dina l-kostatazzjoni ta' natura legali, ma jidhirx illi mill-provi misjuba fl-atti, jista' jisussisti dana r-reat. Ma hemmx prova fl-atti illi l-imputat kellu xi *course of conduct* li biha huwa kien qieghed ibezza' lil Josette Sultana. Jidher illi fil-fatt ir-rapporti li kienu jsiru mill-konjugi Sultana fil-konfront tal-imputat li kienu jirrigwardaw ix-xoghol tieghu minghajr permess u xi problema illi huma kellhom bil-provvista tal-elettriku. Ma hemmx prova illi kienu saru xi rapporti minhabba glied, ingurji jew, theddid. Kwindi billi jidher illi dina kienet l-uniku okkazzjoni meta l-imputat uza vjolenza kontra l-konjugi Sultana, l-akkuza dwar il-*harassement* ma tistax tirnexxi, kif lanqas tista tirnexxi l-akkuza l-ohra dwar il-ksur tal-paci pubblika billi ma hemmx dubbju illi dana l-incident sehh gewwa f'post fejn ma jabita hadd iktar hlief il-parti leza.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat, izda wkoll ir-retroxxena li fih sehh dana l-incident, kif spjegat iktar ’il fuq. Il-Qorti tittama illi l-partijiet involuti f’dana l-kaz igharrfu ighixu flimkien fil-paci, iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi dawn huma membri tal-istess familja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u t-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-ewwel akkuza, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana l-perijodu ta’ liberta kondizzjonata.

Finalment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-hati jhallas lill-parti leza s-somma ta’ €908.60 u dana fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------